

Il-Ġurnal Uffiċjali

tal-Unjoni Ewropea

C 377



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 55
7 ta' Diċembru 2012

Avviż Nru

Werrej

Paġna

I Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet

OPINJONIJIET

Il-Kummissjoni Ewropea

2012/C 377/01

Opinjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Novembru 2012 dwar il-pjan modifikat għar-rimi tal-iskart radjuattiv mill-Impjant tal-Enerġija Nukleari Bugey-2 (Reatturi 2, 3, 4 u 5), li jinsab fi Franza, skont l-Artikolu 37 tat-Trattat tal-Euratom

1

II Komunikazzjonijiet

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kummissjoni Ewropea

2012/C 377/02

Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.6718 – Toyota Tsusho Corporation/ CFAO) ⁽¹⁾

3

2012/C 377/03

Awtorizzazzjoni għal għajnuna mill-Istat skont l-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE – Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet ⁽²⁾

4

MT

Prezz:
EUR 3

⁽¹⁾ Test b'relevanza għaż-ŻEE

⁽²⁾ Test b'relevanza għaż-ŻEE, għajr f'dak li għandu x'jaqsam mal-prodotti rilevanti mal-Anness I tat-Trattat

IV Informazzjoni

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kummissjoni Ewropea

2012/C 377/04	Rata tal-kambju tal-euro	7
2012/C 377/05	Noti ta' Spjega għan-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea	8

V Avviżi

PROCĊDURI AMMINISTRATTIVI

Il-Kummissjoni Ewropea

2012/C 377/06	Sejħa għall-proposti 2012 – Il-Programm Ewropa għaċ-Ċittadini (2007-2013) – Implimentazzjoni tal-azzjonijiet tal-programm: Ċittadini Attivi għall-Ewropa, Soċjetà ċivili attiva fl-Ewropa u Tifkira Ewropea Attiva	9
2012/C 377/07	Sejħa għall-proposti – EACEA/39/12 – MEDIA 2007 – Żvilupp, distribuzzjoni, promozzjoni u taħriġ – Appoġġ għad-diġitizzazzjoni tat-teatri taċ-ċinema Ewropej	14

PROCĊDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

Il-Kummissjoni Ewropea

2012/C 377/08	Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Każ COMP/M.6709 – Alpha Group Investments/Janoland Properties/Neu Property Holdings/Liberty Mall) ⁽¹⁾	17
2012/C 377/09	Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Każ COMP/M.6768 – Reggeborgh/Koninklijke Volker Wessels Stevin) – Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata ⁽¹⁾	18



⁽¹⁾ Test b'relevanza għaż-ŻEE

I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

OPINJONIJIET

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

OPINJONI TAL-KUMMISSJONI

tad-19 ta' Novembru 2012

dwar il-pjan modifikat għar-rimi tal-iskart radjuattiv mill-Impjant tal-Enerġija Nukleari Bugey-2 (Reatturi 2, 3, 4 u 5), li jinsab fi Franza, skont l-Artikolu 37 tat-Trattat tal-Euratom

(It-test bil-Franċiż biss huwa awtentiku)

(2012/C 377/01)

Il-valutazzjoni ta' hawn taħt qed titwettaq skont id-dispożizzjonijiet tat-Trattat tal-Euratom, u hija bla ħsara għal kwalunkwe valutazzjoni oħra li għandha titwettaq skont it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-obbligi li joħorġu minnu u mil-leġiżlazzjoni sekondarja ⁽¹⁾.

Fl-20 ta' Lulju 2012, il-Kummissjoni Ewropea rċeviet mingħand il-Gvern ta' Franza, skont l-Artikolu 37 tat-Trattat tal-Euratom, Dejta Ġenerali dwar il-pjan modifikat għar-rimi tal-iskart radjuattiv mill-Impjant tal-Enerġija Nukleari Bugey-2 (Reatturi 2, 3, 4 u 5).

Abbażi ta' din id-dejta, u wara li kkonsultat il-Grupp ta' Esperti, il-Kummissjoni fasslet l-opinjoni li ġejja:

1. Id-distanzi bejn l-Impjant tal-Enerġija Nukleari Bugey-2 (Reatturi 2, 3, 4 u 5) u l-eqreb fruntiera ma' Stat Membru ieħor huma ta' 117-il km għall-Italja u 226 km għall-Ġermanja.
2. Il-modifikazzjoni ppjanata tikkonċerna talba biex jinkiseb tnaqqis ġenerali fil-limiti awtorizzati tar-rimi għall-effluwenti radjuattivi likwidi u gassużi, filwaqt li, fl-istess ħin, jiġu ddefiniti limiti addizzjonali għar-rimi tal-karbonju-14.
3. Waqt kundizzjonijiet normali ta' tħaddim, il-modifikazzjoni ppjanata ma twassalx għal esponiment sinifikanti, mil-lat tas-saħħa, tal-popolazzjoni fi Stat Membru ieħor.
4. Fil-każ ta' rilaxxi mhux ippjanati ta' effluwenti radjuattivi, li jistgħu jseħħu wara xi inċident tat-tip u d-daqs ikkunsidrati fid-Dejta Ġenerali, id-dożi li aktarx jaslu għand il-popolazzjoni fi Stat Membru ieħor minħabba l-modifikazzjoni ppjanata ma jkunux sinifikanti mil-lat tas-saħħa.

Bħala konklużjoni, il-Kummissjoni hi tal-opinjoni li l-implimentazzjoni tal-pjan modifikat għar-rimi ta' skart radjuattiv fi kwalunkwe għamla, li jirriżulta mill-Impjant tal-Enerġija Nukleari Bugey-2 (Reatturi 2, 3, 4 u 5),

⁽¹⁾ Pereżempju, skont it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-aspetti ambjentali għandhom jiġu vvalutati aktar. B'mod indikattiv, il-Kummissjoni tixtieq tiġbed l-attenzjoni għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva Nru 2011/92/UE dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent, id-Direttiva Nru 2001/42/KE dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent, kif ukoll id-Direttiva Nru 92/43/KEE dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa u d-Direttiva Nru 2000/60/KE li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma.

li jinsab fi Franza, kemm waqt it-tħaddim normali kif ukoll fil-każ ta' aċċident tat-tip u d-daqs ikkunsidrati fid-Dejta Ġenerali, x'aktarx li ma tirriżultax f'kontaminazzjoni radjuattiva, li tkun sinifikanti mil-lat tas-saħħa, tal-ilma, tal-ħamrija jew tal-ispazju tal-ajru ta' Stat Membru ieħor.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Novembru 2012.

Għall-Kummissjoni
Günther OETTINGER
Membru tal-Kummissjoni

II

*(Komunikazzjonijiet)*KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U
AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata**(Każ COMP/M.6718 – Toyota Tsusho Corporation/CFAO)****(Test b'relevanza għaż-ŻEE)****(2012/C 377/02)**

Fit-13 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)b tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

- Fit-taqsimha tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (<http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/>). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,
- fforma elettronika fil-websajt EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu/en/index.htm>) fid-dokument li jgħib in-numru 32012M6718. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

Awtorizzazzjoni għal għajjnuna mill-Istat skont l-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE**Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE, għajr f'dak li għandu x'jaqşam mal-prodotti rilevanti mal-Anness I tat-Trattat)

(2012/C 377/03)

Data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni	16.10.2012	
In-numru ta' referenza tal-għajjnuna	SA.33514 (11/N)	
Stat Membru	Il-Ġermanja	
Reġjun	Bremen	—
Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju)	Maßnahmenkatalog — freiwillige Vereinbarungen; Ziel der Maßnahme ist die Reduzierung von Stoffeinträgen aus der Landwirtschaft (aufgrund freiwilliger Vereinbarungen) in das künftig als Wasserschutzgebiet auszuweisende Trinkwassereinzugsgebiet in Bremen-Blumenthal.	
Il-bażi legali	— Gesetz über die Erhebung einer Wasserentnahmegebühr, BremWEGG, in der Bekanntmachung vom 23. April 2004 (Brem. GBl. S. 189); §9, Abs.1 — Maßnahmenkatalog – Freiwillige Vereinbarungen	
It-tip tal-miżura	Skema	—
L-għan	Impenji agroambjentali, Protezzjoni tal-Ambjent	
Il-forma tal-għajjnuna	Għotja diretta	
L-estimi	Baġit globali: EUR 0,07 (f'miljuni) Baġit annwali: EUR 0,01 (f'miljuni)	
L-intensità	100 %	
It-tul ta' żmien	sal-31.12.2013	
Setturi ekonomiċi	Agrikoltura, forestrija u sajd	
Isem u indirizz tal-awtorità responsabbli mill-għajjnuna	Senator für Umwelt, Bau und Verkehr Ansgaritorstraße 2 28195 Bremen DEUTSCHLAND	
Aktar informazzjoni	—	

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

<http://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/index.cfm>

Data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni	25.10.2012	
In-numru ta' referenza tal-għajnuna	SA.33889 (11/N)	
Stat Membru	Il-Greċja	
Reġjun	—	—
Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju)	Ανάθεση στον ΕΛ.Γ.Α. της υλοποίησης του προγράμματος κρατικών οικονομικών ενισχύσεων: Μέτρα υπέρ των παραγωγών της χώρας που οι γεωργοκτηνοτροφικές τους εκμεταλλεύσεις ζημιώθηκαν από πυρκαγιές κατά το έτος 2010	
Il-bażi legali	Κοινή υπουργική απόφαση	
It-tip tal-miżura	Skema	—
L-għan	Kumpens għal ħsarat ikkaġunati minn diżastru naturali	
Il-forma tal-għajnuna	Għotja diretta	
L-estimi	Baġit globali: EUR 2,20 (f'miljuni) Baġit annwali: EUR 0,70 (f'miljuni)	
L-intensità	80 %	
It-tul ta' żmien	sal-31.12.2014	
Setturi ekonomiċi	Agrikoltura, forestrija u sajd	
Isem u indirizz tal-awtorità responsabbli mill-għajnuna	Υπουργείο αγροτικής ανάπτυξης και Τροφίμων Αχαρνών 2 101 76 Αθήνα/Athens ΕΛΛΑΔΑ/GREECE	
Aktar informazzjoni	—	

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

<http://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/index.cfm>

Data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni	29.10.2012	
In-numru ta' referenza tal-ghajjnuna	SA.34622 (12/N)	
Stat Membru	Il-Ġermanja	
Reġjun	Bayern	—
Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju)	Ausgleichsregelung zum finanziellen Ausgleich von durch Wolf, Luchs oder Bär verursachtem Schaden durch den „Ausgleichsfonds Große Beutegreifer“	
Il-bażi legali	<p>Ausgleichsregelung „Ausgleichsfonds Große Beutegreifer“.</p> <p>Förderbescheid des Bayerischen Naturschutzfonds an die Trägergemeinschaft des Ausgleichsfonds Große Beutegreifer. Ausgeglichen werden ausschließlich Schäden, die von Wolf, Luchs oder Bär (= Große Beutegreifer) verursacht wurden.</p> <p>Der Förderbescheid des Bayerischen Naturschutzfonds ergeht auf der Grundlage der Förderrichtlinien vom 1. Juli 1999. Die Förderrichtlinien basieren auf § 8 Abs. 1 S. 1 der Satzung des Bayerischen Naturschutzfonds.</p> <p>Bei der Auszahlung und Abwicklung sind Art. 23 und 44 der Bayerischen Haushaltsordnung (BayHO) sowie Art. 49a Bayerisches Verwaltungsverfahrensgesetz (BayVwVfG) inklusive der hierzu ergangenen Verwaltungsvorschriften in der jeweils geltenden Fassung zu beachten.</p>	
It-tip tal-miżura	Skema	—
L-għan	Protezzjoni tal-Ambjent	
Il-forma tal-ghajjnuna	Għotja diretta	
L-estimi	Baġit globali: EUR 0,03 (f'miljuni) Baġit annwali: EUR 0,01 (f'miljuni)	
L-intensità	80 %	
It-tul ta' żmien	sal-31.12.2014	
Setturi ekonomiċi	Agrikoltura, forestrija u sajd	
Isem u indirizz tal-awtorità responsabbli mill-ghajjnuna	Ausgleichsfonds Große Beutegreifer, Wildlandstiftung Bayern e. V. Hohenlindner Str. 12 85622 Feldkirchen DEUTSCHLAND	
Aktar informazzjoni	—	

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

<http://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/index.cfm>

IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZIJI
TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Rata tal-kambju tal-euro ⁽¹⁾

Is-6 ta' Diċembru 2012

(2012/C 377/04)

1 euro =

Munita	Rata tal-kambju	Munita	Rata tal-kambju		
USD	Dollaru Amerikan	1,3072	AUD	Dollaru Awstraljan	1,2456
JPY	Yen Ġappuniż	107,66	CAD	Dollaru Kanadiż	1,2961
DKK	Krona Daniża	7,4592	HKD	Dollaru ta' Hong Kong	10,1308
GBP	Lira Sterlina	0,81135	NZD	Dollaru tan-New Zealand	1,5693
SEK	Krona Żvediża	8,6294	SGD	Dollaru tas-Singapor	1,5936
CHF	Frank Żvizzeru	1,2114	KRW	Won tal-Korea t'Isfel	1 417,21
ISK	Krona İzlandiża		ZAR	Rand ta' l-Afrika t'Isfel	11,4205
NOK	Krona Norveġiża	7,3360	CNY	Yuan ren-min-bi Ċiniż	8,1439
BGN	Lev Bulgaru	1,9558	HRK	Kuna Kroata	7,5320
CZK	Krona Ċeka	25,195	IDR	Rupiah Indoneżjan	12 591,79
HUF	Forint Ungeriż	283,48	MYR	Ringgit Malajjan	3,9845
LTL	Litas Litwan	3,4528	PHP	Peso Filippin	53,525
LVL	Lats Latvjan	0,6963	RUB	Rouble Russu	40,3332
PLN	Zloty Pollakk	4,1340	THB	Baht Tajlandiż	40,079
RON	Leu Rumun	4,5418	BRL	Real Brażiljan	2,7199
TRY	Lira Turka	2,3388	MXN	Peso Messikan	16,8684
			INR	Rupi Indjan	70,7690

⁽¹⁾ Sors: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

Noti ta' Spjega għan-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea

(2012/C 377/05)

Skont it-tieni inċiż tal-Artikolu 9(1)(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana ⁽¹⁾, in-Noti ta' Spjega għan-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea ⁽²⁾ huma emendati kif ġej:

Paġna 66

Il-paragrafu li ġej huwa miżjud wara **“1302 Linif u estratti veġetali; sustanzi tal-pektin, pektinati u pektati; agar-agar u muċilaġni u materjali li jħaxxnu, modifikati jew le, derivati minn prodotti veġetali”**:

“Estratti veġetali tal-intestatura 1302 huma materji veġetali nejjin mhux maħduma miksuba pereżempju, mill-estrazzjoni tas-solventi li mhumiex ipproċessati jew modifikati kimikament aktar. Madankollu, l-addittivi inerti (pereżempju l-aġenti antiagglomeranti) u l-ipproċessar relatat mal-istandardizzazzjoni, jew it-trattament fiżiku, bħal pereżempju it-tnixxif jew il-filtrazzjoni, huma permessi.”

⁽¹⁾ ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.

⁽²⁾ ĠU C 137, 6.5.2011, p. 1.

V

(Avviżi)

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Sejħa għall-proposti 2012 – Il-Programm Ewropa għaċ-Ċittadini (2007-2013)

Implimentazzjoni tal-azzjonijiet tal-programm: Ċittadini Attivi għall-Ewropa, Soċjetà ċivili attiva fl-Ewropa u Tifkira Ewropea Attiva

(2012/C 377/06)

INTRODUZZJONI

Din is-sejħa għall-proposti hija bbażata fuq id-Deċiżjoni Nru 1904/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006, li tistabbilixxi l-programm Europe for Citizens għall-perjodu 2007-2013 li jipromwovi ċittadinanza Ewropea attiva⁽¹⁾. Il-kondizzjonijiet dettaljati ta' din is-sejħa għall-proposti jinstabu fil-Gwida tal-Programm għall-programm "Ewropa għaċ-Ċittadini" ppubblikata fuq is-sit elettroniku Europa (ara l-punt VII). Il-Gwida tal-programm tikkostitwixxi parti integrali minn din is-sejħa għall-proposti.

I. Għanijiet

Il-programm Ewropa għaċ-Ċittadini għandu dawn l-għanijiet speċifiċi:

- li jlaqqa' flimkien nies minn komunitajiet lokali mill-Ewropa kollha ħalli jaqsmu u jiskambjaw l-esperjenzi, l-opinjoni u l-valuri tagħhom, biex jitgħallmu mill-istorja u biex jibnu għall-ġejjieni;
- li jrawwem azzjoni, dibattitu u riflessjoni relatati maċ-ċittadinanza Ewropea u mad-demokrazija, valuri kondiviżi, storja u kultura komuni permezz ta' kooperazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fuq il-livell Ewropew;
- li jqarreb lill-Ewropa maċ-ċittadini tagħha billi jipromwovi l-valuri u l-kisbiet tal-Ewropa, filwaqt li tinżamm il-memorja tal-imgħoddi tagħha;
- li jhegġegħ l-interazzjoni bejn iċ-ċittadini u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili mill-pajjiżi parteċipanti kollha li jagħtu kontribut favur id-djalogu interkulturali u jagħti prominenza kemm lid-diversità u kemm lill-għaqda tal-Ewropa, b'attenzjoni partikolari fuq l-attivitatijiet immirati lejn l-iżvilupp ta' rabtiet eqreb bejn iċ-ċittadini mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea kif kostitwit fit-30 ta' April 2004 u dawk bejn iċ-ċittadini mill-Istati Membri li aderew minn dak iż-żmien 'il hawn.

II. Applikanti eliġibbli

Il-Programm miftuħ għall-promoturi kollha stabbiliti f'wieħed mill-pajjiżi li jipparteċipaw fil-Programm u jiddependi minn jekk ikunux:

- Korp pubbliku, jew
- Organizzazzjoni li ma tagħmilx profitt bi status legali (personalità legali)

⁽¹⁾ ĠU L 378, 27.12.2006, p. 32.

Madankollu kull azzjoni tal-Programm hija mmirata għal firxa aktar speċifika ta' organizzazzjonijiet. Għalhekk l-eliġibbiltà tal-organizzazzjonijiet applikanti hija definita fil-Gwida tal-Programm speċifikament għal kull miżura/sottomiżura.

Il-pajjiżi eliġibbli taħt dan il-Programm huma:

- L-Istati Membri tal-UE ⁽¹⁾
- Il-Kroazja,
- L-ex Repubblika Juġożlava tal-Maċedonja (FYROM),
- L-Albanija,
- Il-Bożnija-Herżegovina,
- Il-Montenegro,
- Is-Serbja.

III. Azzjonijiet eliġibbli

Il-programm Ewropa għaċ-Ċittadini jappoġġa proġetti li jippromwovu ċ-ċittadinanza Ewropea attiva.

Din is-sejħa tkopri l-azzjonijiet li ġejjin tal-programm Ewropa għaċ-Ċittadini.

Azzjoni 1: Ċittadini Attivi għall-Ewropa

Miżura 1: Ġemellaġġ bejn l-Iblijiet

Din il-miżura hija mmirata lejn attivitajiet li jinvolvu jew jippromwovu skambji diretti bejn ċittadini Ewropej permezz tal-parteċipazzjoni tagħhom f'attivitajiet ta' ġemellaġġ bejn l-iblijiet.

Miżura 1.1: Laqgħat għaċ-ċittadini dwar il-ġemellaġġ bejn l-iblijiet (għotja ta' proġett)

Din il-miżura hija mmirata lejn attivitajiet li jinvolvu jew jippromwovu skambji diretti bejn ċittadini Ewropej permezz tal-parteċipazzjoni tagħhom f'attivitajiet ta' ġemellaġġ bejn l-iblijiet. Proġett għandu jinvolvi muniċipalitajiet minn mill-inqas żewġ pajjiżi parteċipanti, li mill-inqas wieħed minnhom għandu jkun Stat Membru tal-UE. Il-proġett għandu jkollu minimu ta' 25 parteċipant internazzjonali li jkunu ġejjin mill-muniċipalitajiet mistiedna. It-tul ta' żmien massimu tal-laqgħa għandu jkun 21 jum. L-għotja massima li għandha tingħata hija EUR 25 000 għal kull proġett. L-għotja minima mogħtija hija EUR 5 000.

L-għotjiet għal-laqgħat taċ-ċittadini dwar il-ġemellaġġ bejn l-iblijiet huma mmirati biex jikkoffinanzjaw l-ispejjeż organizzattivi tal-belt li tospita u l-ispejjeż tal-ivvjaġġar tal-parteċipanti mistiedna. Il-kalkolu tal-għotja jiġi bbażat fuq rati fissi/somma f'daqqa.

Miżura 1.2: Netwerks ta' bliet imsieħba f'ġemellaġġ (għotja ta' proġett)

Din il-miżura tappoġġa l-iżvilupp ta' netwerks maħluqa fuq il-bażi ta' rabtiet ta' ġemellaġġ bejn l-iblijiet, li huma importanti biex jiżguraw kooperazzjoni strutturata, b'saħħitha u komprensiva bejn il-muniċipalitajiet, u għalhekk biex jikkontribwixxu biex jiġi massimizzat l-impatt tal-Programm. Kull proġett għandu jipprevedi mill-inqas tliet avvenimenti, u għandu jinvolvi muniċipalitajiet minn mill-inqas erba' pajjiżi parteċipanti, li mill-inqas wieħed minnhom għandu jkun Stat Membru tal-UE. Il-proġett għandu jkollu minimu ta' 30 parteċipant internazzjonali li jkunu ġejjin mill-muniċipalitajiet mistiedna. It-tul ta' żmien massimu tal-proġett huwa 24 xahar; it-tul ta' żmien massimu ta' kull avveniment huwa 21 jum.

L-ammont massimu eliġibbli għal proġett fi ħdan din il-miżura huwa EUR 150 000. L-ammont minimu eliġibbli huwa EUR 10 000. Il-kalkolazzjoni tal-għotja tiġi bbażata fuq rati fissi/somma f'daqqa.

Miżura 2: "Proġetti taċ-ċittadini" u "Miżuri ta' appoġġ"

Miżura 2.1: Proġetti taċ-ċittadini (għotja ta' proġett)

⁽¹⁾ Is-27 Stat Membru tal-UE: l-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Germanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakja, is-Slovenja, Spanja, l-Isvezja, ir-Renju Unit.

Din il-miżura tindirizza sfida kurrenti ewlenija tal-Unjoni Ewropea: kif tressaq liċ-ċittadini u lill-Unjoni Ewropea eqreb lejn xulxin. Timmira li tesplora metodoloġiji oriġinali u innovattivi li kapaċi jħeġġu l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini u jstimulaw id-djalogo bejn iċ-ċittadini Ewropej u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea.

Kull proġett għandu jinvolti mill-inqas ħames pajjiżi parteċipanti, li mill-inqas wieħed minnhom għandu jkun Stat Membru tal-UE. Dan għandu jinvolti mill-inqas 200 parteċipant. It-tul ta' żmien massimu ta' proġett huwa 12-il xahar.

L-ammont tal-għotja ser jiġi kkalkulat fuq il-bażi ta' baġit ta' previżjoni bilanċjat u dettaljat, espress fil-munita euro. L-għotja mogħtija ma tistax taqbeż is-60 % tal-ammont totali tal-ispejjeż eliġibbli tal-proġett. L-għotja minima ser tkun EUR 100 000. L-għotja massima eliġibbli għal proġett fi ħdan din il-miżura hija EUR 250 000.

Miżura 2.2: Miżuri ta' appoġġ (għotja ta' proġett)

Din il-miżura timmira li tappoġġa l-attivitajiet li jistgħu jwasslu għat-twaqqif ta' sħubiji u networks fit-tul li jilhqnu numru sinifikanti ta' partijiet interessati differenti li jipromwovu ċ-ċittadinanza Ewropea attiva, u b'hekk tikkontribwixxi biex jiġi pprovdut rispons aħjar għall-għanijiet tal-programmi u jiġu massimizzati l-impatt u l-effettività globali tal-programm.

Kull proġett għandu jinvolti mill-inqas żewġ pajjiżi parteċipanti, li mill-inqas wieħed minnhom għandu jkun Stat Membru tal-UE. It-tul ta' żmien massimu huwa 12-il xahar. Għandhom jiġu previsti mill-inqas żewġ avvenimenti għal kull proġett.

L-ammont tal-għotja ser jiġi kkalkulat fuq il-bażi ta' baġit ta' previżjoni bilanċjat u dettaljat, espress fil-munita euro. L-għotja ma tistax taqbeż rata massima ta' 80 % tal-ispejjeż eliġibbli tal-azzjoni inkwistjoni. L-għotja minima eliġibbli hija EUR 30 000. L-għotja massima eliġibbli għal proġett fi ħdan din il-miżura hija EUR 100 000.

Azzjoni 2: Soċjetà ċivili attiva fl-Ewropa

Miżura 3: Appoġġ għal proġetti mibdija minn organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (għotja ta' proġett)

L-għan ta' din il-miżura huwa li tappoġġa proġetti konkreti promossi minn organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jappartienu lil pajjiżi parteċipanti differenti. Dawn il-proġetti għandhom iqajmu kuxjenza dwar suġġetti ta' interess Ewropew u jikkontribwixxu biex irawmu l-fehim xulxieni fuq kulturi differenti u biex jidentifikaw valuri komuni permezz tal-kooperazzjoni fuq il-livell Ewropew.

Kull proġett għandu jinvolti mill-inqas żewġ pajjiżi parteċipanti, li mill-inqas wieħed minnhom għandu jkun Stat Membru tal-UE. It-tul ta' żmien massimu tal-proġetti huwa 18-il xahar.

L-għotja tista' tiġi kkalkulata bl-użu ta' żewġ metodi differenti, li jikkorrespondu għal approċċi differenti u li għalihom japplikaw regoli speċifiċi:

(a) Rati fissi/somma f'daqqa.

(b) Baġit ibbażat fuq l-ispejjeż reali. L-għotja mitluba f'dak il-każ ma tistax taqbeż is-70 % tal-ispejjeż eliġibbli tal-azzjoni inkwistjoni.

L-għotja massima hija EUR 150 000. L-għotja minima eliġibbli hija EUR 10 000.

L-organizzazzjonijiet ta' interess Ewropew ġenerali magħżulin biex jirċievu għotja operattiva fl-2013 taħt miżuri 1 u 2 tal-azzjoni 2 mhumiex eleġibbli għall-finanzjament taħt din il-miżura fl-2013.

Azzjoni 4: Tifkira Ewropea Attiva (għotja ta' proġett)

L-għan tal-proġetti appoġġati fl-ambitu ta' din l-azzjoni huwa li jżommu ħajja t-tifkira tal-vittmi tan-Nażiżmu u tal-Istaliniżmu u li jtejbu l-għarfien u l-fehim tal-ġenerazzjonijiet preżenti u ġejjiena dwar dak li seħħ fil-kampijiet u f'siti oħra ta' qerda tal-massa, u r-raġuni għaliex.

It-tul ta' żmien massimu ta' proġett huwa 18-il xahar.

L-għotja tista' tiġi kkalkulata bl-użu ta' żewġ metodi differenti:

- (a) Rati fissi/somma f'daqqa.
- (b) Baġit ibbażat fuq l-ispejjeż reali. L-għotja mitluba f'dak il-każ ma tistax taqbeż is-70 % tal-ispejjeż eliġibbli tal-azzjoni kkonċernata.

L-għotja massima hija EUR 100 000. L-għotja minima eliġibbli hija EUR 10 000.

IV. Kriterji tal-għoti

Għal għotjiet tal-proġett:

Kriterji kwalitattivi (80 % tal-punti disponibbli):

- Rilevanza tal-proġett għall-għanijiet u l-prijoritajiet tal-Programm Ewropa għaċ-Ċittadini (25 %).
- Kwalità tal-proġett u l-metodi proposti (25 %).
- Impatt (15 %).
- Viżibilità u Segwitu (15 %).

Kriterji kwantitattivi (20 % tal-punti disponibbli):

- Impatt ġeografiku (10 %).
- Grupp fil-Mira (10 %).

Fuq il-bażi tas-sussidjarjetà, għall-pajjiżi li huma manifestament inqas irrappreżentati, u li jirrispettaw trattament ġust fir-rigward tal-kwalità, il-Kummissjoni u l-Aġenzija eżekuttiva jżommu d-dritt li jiżguraw distribuzzjoni ġeografika bbilanċjata tal-proġetti magħżula għal kull azzjoni.

V. Baġit

Baġit previst għall-2013 għall-azzjonijiet li ġejjin

Azzjoni 1 Miżura 1.1	Laqgħat taċ-ċittadini dwar ġemellaġġ bejn l-ibliet	EUR 5 896 000
Azzjoni 1 Miżura 1.2	In-netwerking tematiku bejn bliet imsieħba f'ġemellaġġ	EUR 4 270 000
Azzjoni 1 Miżura 2.1	Proġetti taċ-ċittadini	EUR 1 163 000
Azzjoni 1 Miżura 2.2	Miżuri ta' appoġġ	EUR 725 000
Azzjoni 2 Miżura 3	Appoġġ għal proġetti mibdija minn organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili	EUR 2 504 000
Azzjoni 4	Tifkira Ewropea Attiva	EUR 2 414 000

L-implimentazzjoni ta' din is-Sejħa għall-Proposti hija soġġetta għall-adozzjoni tal-baġit tal-Unjoni Ewropea għas-sena 2013 mill-awtorità baġitarja.

VI. Skadenzi għall-applikazzjonijiet

Azzjonijiet		Skadenza għas-sottomissjoni
Azzjoni 1 Miżura 1.1	Laqgħat taċ-ċittadini dwar ġemellaġġ bejn l-ibliet	l-1 ta' Frar l-1 ta' Ġunju l-1 ta' Settembru
Azzjoni 1 Miżura 1.2	In-netwerking tematiku bejn bliet imsieħba f'ġemellaġġ	l-1 ta' Frar l-1 ta' Settembru

Azzjonijiet		Skadenza għas-sottomissjoni
Azzjoni 1 Miżura 2.1	Proġetti taċ-ċittadini	l-1 ta' Ġunju
Azzjoni 1 Miżura 2.2	Miżuri ta' appoġġ	l-1 ta' Ġunju
Azzjoni 2 Miżura 3	Appoġġ għal proġetti mibdija minn organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili	l-1 ta' Frar
Azzjoni 4	Tifkira Ewropea Attiva	l-1 ta' Ġunju

L-applikazzjonijiet għandhom jitressqu qabel **12.00 p.m. (nofsinhar ħin ta' Brussell)** fid-data finali għall-applikazzjonijiet. Jekk l-iskadenza tinzerta fi tmiem il-ġimgħa, l-ewwel ġurnata tax-xogħol wara tmiem il-ġimgħa titqies bħala l-ġurnata tal-iskadenza.

L-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu lil dan l-indirizz:

EACEA
 Unit P7 Citizenship
 Applications — 'Measure XXX'
 Avenue du Bourget/Bourgetlaan 1 (BOUR 01/04A)
 1140 Bruxelles/Brussel
 BELGIQUE/BELGIË

Jitqiesu biss dawk il-proposti li jitressqu bl-użu tal-formola elettronika (eForm) uffiċjali tal-applikazzjoni għall-għotja mimlija kif suppost u ffirmata mill-persuna awtorizzata biex tidħol f'impenn ġuridiku fisem l-applikant.

L-applikazzjonijiet imressqa fuq karta bil-posta jew bil-faks jew mibgħuta direttament b'email ma jiġux aċċettati għal aktar valutazzjoni.

VII. Aktar informazzjoni

Il-kondizzjonijiet dettaljati tat-tressiq tal-proposti tal-proġetti u l-formoli tal-applikazzjoni jinsabu fil-Gwida tal-Programm Ewropa għaċ-Ċittadini kif emendata l-aħħar fuq is-siti li ġejjin:

http://ec.europa.eu/citizenship/index_en.html

L-Aġenzija Eżekuttiva tal-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura:

http://eacea.ec.europa.eu/citizenship/index_en.htm

SEJĦA GĦALL-PROPOSTI – EACEA/39/12
MEDIA 2007 – Żvilupp, distribuzzjoni, promozzjoni u taħriġ
Appoġġ għad-diġitizzazzjoni tat-teatri taċ-ċinema Ewropej
(2012/C 377/07)

1. Obiettivi u deskrizzjoni

Dan l-avviż ta' sejħa għall-proposti huwa bbażat fuq id-Deċiżjoni Nru 1718/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2006 dwar l-implimentazzjoni ta' programm ta' appoġġ għas-settur awdjoviżiv Ewropew (MEDIA 2007).

L-obiettivi globali tal-programm huma li:

- (a) jippreservaw u jtejbu d-diversità kulturali u lingwistika Ewropea u l-wirt ċinematografiku u awdjoviżiv tagħha, jiggarrantixxu l-aċċessibilità tagħha għall-pubbliku u jipromwovu djalogu interkulturali;
- (b) iżidu ċ-ċirkolazzjoni ta' xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej u n-numru ta' persuni li jarawhom ġewwa u barra l-Unjoni Ewropea, inkluż permezz ta' kooperazzjoni akbar bejn l-atturi;
- (c) isaħħu l-kompetittività tas-settur awdjoviżiv Ewropew fil-qafas ta' suq kompetitiv u miftuħ li jiffavorixxi l-impjeg, inkluż permezz tal-promozzjoni ta' konnessjonijiet bejn professjonisti awdjoviżivi.

L-għan tal-iskema għad-"diġitizzazzjoni taċ-ċinema" huwa li jinkoraġġixxi t-teatri taċ-ċinema biex juru perċentwal sinifikanti ta' xogħlijiet Ewropej mhux nazzjonali biex jisfruttaw il-possibilitajiet offruti mid-diġitali.

Din is-Sejħa għall-Proposti għandha l-għan li tiffaċilita t-tranżizzjoni diġitali tat-teatri taċ-ċinemas li juru films Ewropej billi tappoġġa l-ispejjeż sekondarji marbuta max-xiri ta' proġekter diġitali.

2. Applikanti eliġibbli

Dan l-avviż huwa maħsub għall-operaturi tat-teatri taċ-ċinema indipendenti Ewropej li l-attività prinċipali tagħhom hija l-wiri ta' films.

L-applikanti għandhom ikunu stabbiliti f'wieħed mill-pajjiżi li ġejjin:

- is-27 pajjiż tal-Unjoni Ewropea
- il-pajjiżi taż-ŻEE, l-Iżvizzera u l-Kroazja
- Il-Bosnja-Ħerzegovina (taħt il-kundizzjoni tal-finalizzazzjoni tal-proċess ta' negozjati u l-formalizzazzjoni tal-parteċipazzjoni ta' dan il-pajjiż għall-programm MEDIA).

L-organizzazzjonijiet applikanti għandhom:

- ikunu teatri taċ-ċinema tal-ewwel wirja (li jipprogrammaw films Ewropej fl-ewwel wirja tagħhom, fi żmien perjodu massimu ta' tmax-il xahar wara r-rilaxx nazzjonali)
- ikunu ilhom miftuħin għall-pubbliku tul minimu ta' 3 snin
- ikollhom sistema ta' biljetti u ta' dikjarazzjoni tad-dħul
- ikollhom mill-inqas skrin wieħed u 70 sit
- ikunu ppreżentaw wiri ta' 520 projezzjoni kull sena għaċ-ċinema permanenti (jiġifieri teatri taċ-ċinema li joperaw għal perjodu ta' mill-inqas 6 xhur fis-sena), wiri ta' 300 projezzjoni kull sena għat-teatri taċ-ċinema bi skrin wieħed (wiri ta' 30 projezzjoni kull xahar) u mill-inqas wiri ta' 30 projezzjoni kull xahar għaċ-ċinema tas-sajf/fil-miftuħ (teatri taċ-ċinema li jaħdmu mill-inqas 6 xhur fis-sena)
- mill-inqas ikunu biegħu mal-20 000 biljett taċ-ċinema fejn tħallas prezz normali fis-sena ta' qabel.

L-applikanti li rċewew jew se jriċievu proġekter minn integratur ta' parti terza wara ffirmar ta' ftehim *Virtual Print Fee* ma jkunux eliġibbli għall-appoġġ.

Biex ikunu kkunsidrati bħala eliġibbli, it-teatri taċ-ċinema għandhom ikunu wrew minimu ta' 50 % ta' films Ewropej fl-2011.

Film ikun meqjus Ewropew jekk ikun jikkonforma mad-definizzjoni tal-programm MEDIA ta' tali films taħt l-iskemi ta' appoġġ għaċ-Ċinema Selettiva u ċ-Ċinema Awtomatika.

Films li diġà ġew ikklassifikati huma elenkati fid-Database tal-Films Ewropej:

http://ec.europa.eu/culture/media/programme/distrib/filmbase/index_en.htm

Biex jitqies Ewropew, il-film għandu jikkonforma mad-definizzjoni li ġeja:

Kull xogħol riċenti ta' finzjoni (inkluż il-films animati) jew dokumentarju, b'dewma minima ta' siegħa, li jikkonforma mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

- Ix-xogħol kien fil-biċċa l-kbira tiegħu prodott minn produttur jew produtturi stabbilit(i) fil-pajjiżi li qegħdin jipparteċipaw fil-Programm MEDIA. Biex jiġu kkunsidrati bħala l-produtturi reali, il-kumpaniji ta' produzzjoni għandhom ikunu akkreditati bħala tali. Elementi oħrajn bħall-kontroll kreattiv, il-pussess ta' drittijiet ta' użu u s-sehem mill-profitti jistgħu jiġu kkunsidrati wkoll biex jiġi stabbilit min hu l-produttur reali;

u

- Ix-xogħol għandu jkun prodott bil-parteeċipazzjoni sinifikanti ta' professjonisti li jkunu ċittadini/residenti ta' pajjiżi li qegħdin jipparteċipaw fil-Programm MEDIA. "Parteeċipazzjoni sinifikanti" hija definita bħala li jkollhom aktar minn 50 % tal-punti fuq bażi tat-tabella hawn taħt, (eż. ikollhom 10 punti jew aktar fil-każ ta' xogħol ta' finzjoni jew l-akbar sehem ta' punti jekk it-total huwa ta' inqas minn 19 kif normalment huwa l-każ għal dokumentarji jew films animati fejn ġeneralment mhux il-kategoriji kollha jiġu inklużi fil-kreditu):

Funzjonijiet	Punti
Direttur	3
Kittieb ta' skript	3
Kompożitur	1
Attur 1	2
Attur 2	2
Attur 3	2
Direttur Artistiku/Disinn tal-Produzzjoni	1
Direttur tal-Fotografija	1
Editur	1
Sound	1
Post li fih inġibed	1
Laboratorju	1
Total	19

Films li jikkonsistu minn reklamar, materjal pornografiku jew razzist jew li jikkellmu favur il-vjolenza mhumiex ikkunsidrati bħala films eliġibbli.

3. Azzjonijiet eliġibbli

Appoġġ għall-ispejjeż periferali marbuta max-xiri ta' proġetturi diġitali li jissodisfaw l-istandards internazzjonali applikabbli biex jiġu installati f'ċinema li jikkonforma mal-kriterji kollha ta' eliġibbiltà

L-appoġġ għandu jintalab biss għal proġekter 1 kull skrin u għal massimu ta' 3 skrins kull teatru taċ-ċinema.

Il-proġekter għandu jinxtra bejn id-data ta' sottomissjoni u l-31 ta' Diċembru 2014.

4. Kriterji għall-għoti

Applikazzjonijiet/azzjonijiet eliġibbli ser jiġu valutati abbażi tad-dimensjoni Ewropea tal-ipprogrammar tal-films 2011 taċ-ċinema applikant.

Metodu ta' kalkolu: Perċentwal tal-films mhux nazzjonali Ewropej fl-ipprogrammar 2011 taċ-ċinema applikant

5. Baġit

Huwa stmat li l-baġit annwali allokat għall-finanzjament konġunt ta' proġetti huwa EUR 4 000 000.

Il-kontribuzzjoni finanzjarja mogħtija hija sussidju u tiegħu l-forma ta' somma f'daqqa, ta' massimu ta' EUR 20 000 kull skrin.

Dan is-sussidju jkopri kull spiża relatata mat-tranżizzjoni diġitali tat-teatri taċ-ċinema Ewropej, bl-esklużjoni tal-ispiża tal-proġekter u s-server diġitali.

L-Aġenzija iżomm id-dritt li ma tallokax il-fondi kollha disponibbli.

6. Data ta' skadenza għas-sottomissjoni ta' applikazzjonijiet

Il-proposti għandhom jintbagħtu (data tat-timbru tal-posta) sal-**31 ta' Jannar 2013**.

Il-proposti għandhom jintbagħtu fl-indirizz li ġej:

Education, Audiovisual and Culture Executive Agency (EACEA)
MEDIA Unit
BOUR 3/66
Avenue du Bourget/Bourgetlaan 1
1140 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

Sejrin jiġu aċċettati biss applikazzjonijiet sottomessi fuq il-formola oriġinali ta' applikazzjoni, iffirmata mill-persuna intitolata li tidħol f'impenji legalment vinkolanti f'isem l-organizzazzjoni applikanta. L-enveloppi għandu jkollhom miktub fuqhom b'mod ċar:

MEDIA programme — Distribution EACEA/39/12 — Digitisation of cinemas

Applikazzjonijiet mibgħuta b'fax jew b'email ma jiġux aċċettati.

7. Tagħrif sħiħ

Il-linji gwida flimkien mal-forom tal-applikazzjoni jinstabu fl-indirizz elettroniku li ġej:

http://ec.europa.eu/culture/media/fundings/exhibition/digitisation-of-cinemas/calls_en.htm

L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi fuq il-formoli pprovduti u għandu jkun fihom l-informazzjoni u l-annessi kollha mitluba.

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ COMP/M.6709 – Alpha Group Investments/Janoland Properties/Neu Property Holdings/Liberty Mall)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2012/C 377/08)

1. Fit-28 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾ li permezz tagħha l-impriżi Alpha Group Investments, sussidjarja tal-grupp Alfa Bank (il-Greċja); Neu Property Holdings, sussidjarja tal-grupp Eurobank (Ċipru); u Janoland Properties, sussidjarju tal-Bank of Cyprus (Ċipru) jakkwistaw fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Liberty Mall (Bukarest, ir-Rumanija) permezz ta' offerta pubblika mħabbra fis-7 ta' Awwissu 2012.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- Il-grupp Alpha Bank huwa wieħed mill-akbar gruppi ta' kumpaniji attivi fis-settur tas-servizzi bankarji u finanzjarji fil-Greċja,
- Minbarra attivitajiet bankarji għall-konsumatur u attivitajiet bankarji kummerċjali, il-grupp Bank of Cyprus jipprovdi servizzi bħall-finanzjament, factoring, investment bankarju, senserija, ġestjoni tal-fondi, servizzi bankarji privati, assigurazzjoni tal-ħajja u mhux tal-ħajja,
- Il-grupp Eurobank huwa attiv fil-bejgħ bl-immnut, servizzi bankarji korporattivi u privati, il-ġestjoni tal-assi, assigurazzjoni, titoli tal-Istat, is-swieq tal-kapital u servizzi oħra,
- Liberty Mall huwa ċentru kummerċjali f' Bukarest, ir-Rumanija.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madanakollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtu kwalunkwe kumment li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.6709 – Alpha Group Investments/Janoland Properties/Neu Property Holdings/Liberty Mall, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
J-70
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

(1) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-“Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet”).

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Każ COMP/M.6768 – Reggeborgh/Koninklijke Volker Wessels Stevin)
Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata
(Test b'relevanza għaż-ŻEE)
(2012/C 377/09)

1. Fid-29 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004⁽¹⁾ li permezz tagħha l-impriżi Victor Rijssen BV, Revius BV u Arend Rijssen BV, kollha proprjetà tar-Reggeborgh Group ("Reggeborgh", il-Pajjiżi l-Baxxi) jakkwistaw fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll sħiħ tal-impriża Koninklijke Volker Wessels Stevin NV ("KVWS", il-Pajjiżi l-Baxxi) permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal Reggeborgh: kumpanija privata ta' investimenti f'ekwità attiva f'diversi setturi bħal ma huma l-kummerċ (mid-stream) u l-provvista ta' prodotti petroliferi, it-tfassil u l-provvista ta' aċċess għal networks ta' telekomunikazzjoni (tal-fibra tal-ħġieġ), servizzi ta' kostruzzjoni, inċinerazzjoni tal-iskart u l-agrikultura,

— għal KVWS: servizzi ta' kostruzzjoni, inklużi residenzjali, mhux residenzjali u proġetti ta' kostruzzjoni tal-infrastruttura, u servizzi ta' proprjetà immobbli.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taq' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet⁽²⁾ ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu kwalunkwe kummenti li jistgħu jkollhom dwar it-tranżizzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.6768 – Reggeborgh/Koninklijke Volker Wessels Stevin, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
J-70
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").

⁽²⁾ ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32 ("Avviż ta' proċedura simplifikata").

ATTI OĦRAJN

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni għal emenda skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-orġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel

(2012/C 377/10)

Din il-pubblikazzjoni tikkonferixxi d-dritt għal oġġezzjoni għall-applikazzjoni skont l-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 ⁽¹⁾. Id-dikjarazzjonijiet ta' oġġezzjoni għandhom jaslu għand il-Kummissjoni fi żmien sitt xhur mid-data ta' din il-pubblikazzjoni.

APPLIKAZZJONI GĦAL EMENDA

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 510/2006

APPLIKAZZJONI GĦAL EMENDA SKONT L-ARTIKOLU 9

“JIHOČESKÁ ZLATÁ NIVA”

KE Nru: CZ-PGI-0105-0983-19.03.2012

IĠP (X) DPO ()

1. Intestatura fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott affettwata mill-emenda:

- Isem il-prodott
- Deskrizzjoni tal-prodott
- Żona ġeografika
- Prova tal-orġini
- Metodu tal-produzzjoni
- Rabta
- Tikkettar
- Rekwiżiti nazzjonali
- Oħrajn (għandhom jiġu speċifikati)

2. Tip ta' emenda/i:

- Emenda tad-Dokument Uniku jew tal-Iskeda tas-Sommarju

⁽¹⁾ ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.

- Emenda għal speċifikazzjoni ta' DPO jew IĠP reġistrat li għaliha ma ġie ppubblikat l-ebda Dokument Uniku jew Skeda tas-Sommarju
- Emenda għal speċifikazzjoni li ma tirrikjedi l-ebda emenda fid-Dokument Uniku ppubblikat (l-Artikolu 9(3) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006)
- Emenda temporanja għal speċifikazzjoni li tirriżulta minn impożizzjoni ta' miżuri sanitarji jew fitosanitarji obbligatorji mill-awtoritajiet pubbliċi (l-Artikolu 9(4) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006)

3. **Emenda/i:**

1. Il-kliem tas-sitt paragrafu tat-taqsim 4.2 (Deskrizzjoni) tal-Iskeda tas-Sommarju huma kif ġej:

“L-għamla tal-prodott mat-tqegħid fis-suq, il-ġobon jitqiegħed fis-suq biss jekk ikun forma ta' rota li tiżen madwar 2,8 kg.”

Minħabba l-fatt li hemm il-ħtieġa li jkun hemm rispons aħjar għall-ħtiġijiet tas-suq, din il-parti tad-deskrizzjoni għandha tkun miktuba fi kliem li jesprimi termini inqas restrittivi. Għalhekk qed jintalab li dan il-paragrafu jiġi emendat biex jinqara kif ġej:

“L-għamla tal-prodott mat-tqegħid fis-suq: il-ġobon jitqiegħed fis-suq bħala ġobna sħiħa, nofsijiet u biċċiet ta' piżijiet varji.”

Din l-emenda ma tirriżultax f'xi bidliet fil-kompożizzjoni tal-prodott jew fil-metodu tal-produzzjoni.

2. B'riżultat tal-emenda ta' hawn fuq, hemm il-ħtieġa li tiġi adattata t-taqsim 4.5 tal-Iskeda tas-Sommarju skont dan. Għalhekk il-kliem se jkun kif ġej:

“Il-wiċċ tal-ġobon matur jinħasel u jitqaxxar, u wara l-ġobon jiġi ppakkjat f'folja tal-aluminju jew rita speċjali permeabbli għall-ossiġenu. Parti mill-produzzjoni, jiġifieri mill-ġobna, tinqasam f'biċċiet u tiġi ppakkjata f'tubi tal-plastik koperti b'rita tal-plastik stampata. L-imballaġ tal-prodott irid ikun intatt, nadif u bit-tikketta t-tajba.”

DOKUMENT UNIKU

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 510/2006

“JIHOČESKÁ ZLATÁ NIVA”

KE Nru: CZ-PGI-0105-0983-19.03.2012

IĠP (X) DPO ()

1. **Isem:**

“Jihočeská Zlatá Niva”

2. **Stat Membru jew Pajjiż Terz:**

Ir-Repubblika Ċeka

3. Deskrizzjoni tal-prodott agrikolu jew l-oġġett tal-ikel:

3.1. Tip ta' prodott:

Klassi 1.3 Ġobnijiet

3.2. Deskrizzjoni tal-prodott li għalih japplika l-isem f(1):

Dehra esterna: Il-ġobon huwa ċilindriku, b'dijametru ta' 180-200 mm u għoli ta' madwar 10 ċm (piż ta' madwar 2,8 kg), b'sinjali ta' trattament fil-wiċċ ta' ħasil jew tqaxxir; il-moffa li tagħti fil-blu u l-aħdar madwar l-intern kollu tal-ġobna u s-saff kremuż li jkopri parti mill-wiċċ tagħha mhumiex detrimental. Il-wiċċ tal-ġobna jista' jkun ta' kulur abjad tal-krema li jvarja għal kannella ċar.

Dehra interna: Il-ġewwieni tal-ġobna ivarja minn kulur abjad sfumata għal-lewn il-krema, b'vini regolari li jagħtu fil-blu u l-aħdar fejn il-moffa tikber fil-pasta u għandu marki rikonossibbli tat-titqib.

Konsistenza: inqas qawwi minn Jihočeská Niva (b'50 % FCDM), iwaħħal, b'mod omoġenju matur fil-ġobna kollha; il-preżenza ta' moffa barranija mhix permessa.

Togħma u riħa: mielaħ, pikkanti, aromatiku, togħma taħraq, karatteristika tal-moffa kultivata *Penicillium roqueforti*.

L-għamla tal-prodott mat-tqegħid fis-suq: il-ġobon jitqiegħed fis-suq bħala ġobna sħiħa, nofsijiet jew biċċiet ta' piżijiet varji.

Rekwiżiti fiżiċi/kimiċi

Kontenut ta' materjal niexef: 52 %; diverġenza negattiva permessa fil-kontenut ta' materjal niexef: - 1 %; diverġenzi pożittivi fil-kontenut ta' materjal niexef mhumiex detrimental.

Kontenut ta' xaħam fil-materjal niexef: 60 %; firxa permessa tal-valuri FCDM: 60 % sa < 65 %.

Kontenut ta' melħ: 2,5-6 %

Proprietajiet mikrobijoloġiċi

Il-ġobon fih il-moffa kkultivata *Penicillium roqueforti* PY jew PV, CB jew PR1 (sa PR4). Barra minn hekk, f'termini ta' rekwiżiti mikrobijoloġiċi, il-ġobon jissodisfa l-kriterji normali għas-sikurezza tal-ikel u l-iġene tal-proċess ta' produzzjoni.

3.3. Materja prima (għall-prodotti proċessati biss):

Il-materja prima bażika li tintuża fil-produzzjoni ta' dan il-ġobon naturali li fih il-moffa huwa ħalib tal-baqar ipproċessat. Jista' jintuża biss ħalib miż-żona definita. Il-materja prima l-oħra tinkludi: il-moffa *Penicillium roqueforti* PY jew PV, CB jew PR1 (sa PR4), melħ, kulturi tal-ħalib, tames u klorur tal-kalċju.

3.4. Għalf (għall-prodotti li jorġinaw mill-annimali biss):

Mhux applikabbli.

3.5. Passi speċifiċi fil-produzzjoni li jridu jseħħu fiż-żona ġeografika definita:

Il-materja prima bażika, jiġifieri l-ħalib, irid jiġi miż-żona ġeografika definita. Il-produzzjoni u l-proċess ta' maturazzjoni intiera jridu jseħħu fiż-żona ġeografika definita sabiex jista' jsir użu massimu tal-esperjenza lokali li ilha stabbilita kif ukoll il-kantini tal-maturazzjoni oriġinali.

Ħalib ipproċessat b'kontenut ta' xaħam ta' 3,45 % jiferra' f'magna tal-ġobon, u miegħu jiżdiedu kulturi li jintużaw normalment, li jiżguraw aċidifikazzjoni tajba matul il-produzzjoni u l-maturazzjoni tal-ġobon. It-togħma karatteristika tal-"Jihočeská Zlatá Niva" tirriżulta mill-moffa kkultivata *Penicillium roqueforti*, li ilha tintuża għal għexieren ta' snin (l-istokk tal-kultivazzjoni huwa ġeneralment disponibbli għall-użu fl-industrija tal-ikel). Wara li jiżdied it-tames u l-ħalib ikun sar baqta, il-granuli tal-baqta li jirriżultaw jiġu ppakkjati f'forom ċilindriċi. Ix-xorrox jitħalla joqtor u l-kultura ta' mikroflora tiġi żviluppata f'temperatura definita. Il-ġobon jitmellaħ f'żewġ stadji: l-ewwel jittqiegħed f'banju tas-salmura, u wara jiġi mħakkek bil-melħ oħxon. Fl-imġhoddi l-maturazzjoni kienet iseħħ biss f'kantini naturali tal-maturazzjoni li kienu mħaffra fil-blat tal-franka. Fl-2005, minħabba ż-żieda fil-produzzjoni ta' dan il-ġobon blu, inbnew kantini għall-maturazzjoni mgħammra bl-arja kundizzjonata għal temperatura u umdità kkontrollati. Il-ġobon jitħalla jimmatūra fil-kantini għal tal-inqas sitt ġimgħat.

Il-wiċċ tal-ġobon matur jinħasel jew jittqaxxar.

3.6. Regoli speċifiċi dwar it-tqattigh, it-thakkik, l-imballaġ, eċċ.:

Minħabba n-natura bijoteknoloġika tal-prodott, il-ġobon blu jrid jiġi ppakkjat direttament fil-faċilità tal-produzzjoni. Dan huwa wkoll meħtieġ biex jinżammu l-kwalità u l-iġene tal-prodott, u sabiex il-ġobon ma jkunx jista' jiġi mfixkel ma' ġobon li ġej minn reġjuni oħra, u finalment, għall-finijiet tat-traċċabilità tal-prodott ukoll.

Il-ġobon jittqiegħed, sħiħ jew f'biċċiet, f'folja tal-aluminju jew f'ruta speċjali permeabbli għall-ossiġenu. Parti oħra tal-ġobon tinqata' f'biċċiet u l-prodott jitejżwer f'kontenituri tal-plastik koperti b'ruta tal-plastik stampata.

L-imballaġ tal-prodott irid ikun intatt, nadif u bit-tikketta t-tajba.

3.7. Regoli speċifiċi dwar it-tikkettar:

L-isem "Jihočeská Zlatá Niva" irid ikun stampat b'mod ċar fuq l-imballaġ tal-prodott.

4. Definizzjoni konċiża taż-żona ġeografika:

Iż-żona ġeografika hija r-reġjun tal-Bohemja tan-Nofsinhar, li l-konfini tagħha huma demarkati fl-Att Nru 36/1960 dwar it-tqassim territorjali tal-Istat, kif emendat.

5. Rabta maż-żona ġeografika:

5.1. Speċifità taż-żona ġeografika:

Ir-reġjun tal-Bohemja tan-Nofsinhar huwa wieħed miż-żoni li għandu l-inqas tniġġiż fir-Repubblika Ċeka. Dan minn dejjem ġie meqjus bħala żona predominatament agrikola. U għadu l-istess illum.

Il-ħalib jiġi miż-żona tal-Bohemja tan-Nofsinhar. Il-mergħat jinsabu fiż-żoni protetti ta' Novohradské Hory, Blanský les u Šumava, u l-flora unika taż-żona għandha influwenza pożittiva fuq it-togħma tal-ħalib.

Dan il-pajsaġġ varjat bl-għoljiet, b'foresti mhux mittiefsa, marġ, mergħat u xmajjar tal-ilma frisk huwa karatterizzat minn ambjent nadif ħafna, partikolarment madwar Český Krumlov u fl-għoljiet ta' Šumava (li fl-1990 ġew dikjarati Riserva Bijosfera tal-Unesco). Prova tal-valur għoli tal-ambjent naturali tal-Bohemja tan-nofsinhar hija l-għadd kbir ta' żoni li ġew deżinjati uffiċjalment bħala protetti, li tnejn minnhom għandhom status ta' protezzjoni tal-Unesco.

Dawn fihom mergħat mimlija speċijiet, b'mod partikolari marġ mesofiliċi, li huma ż-żona indiġena għal flora li hija speċifika għal din iż-żona. Pjanti biz-zokk qasir (ħaxix, żwien, eċċ.) b'diversità kbira ta' varjetajiet huma karatteristiċi, flimkien ma' ċerti varjetajiet rari tipiċi taż-żona. Pjanta endemika speċifika

hija *Phyteuma nigrum*, u oħrajn jinkludu *Gentiana pannonica*, *Gentiana cruciata*, *Ligusticum mutellina*, *Arnica montana*, *Gentianella praecox* subsp. *Bohemica*, *Carex michelii*, *Andropogon ischaemum*, *Veronica teucrium*, *Stachys reċta*, *Koeleria pyramidata*, eċċ.

Tabilħaqq, l-esperjenza tan-nies tal-lokal fil-produzzjoni ta' dan il-ġobon, mgħoddija minn ġenerazzjoni għall-oħra, ukoll kellha influwenza kbira fuq il-kwalità u l-karatteristiċi tal-“Jihočeská Zlatá Niva”.

Dawn il-fatturi jiddistingwu ż-żona definita b'mod ċar miż-żoni tal-madwar.

5.2. *Speċifità tal-prodott:*

Il-ġobon “Jihočeská Zlatá Niva” huwa karatterizzat minn proċess ta' kwalità għolja ħafna u mit-togħma tiegħu, b'kontenut bilanċat ta' materja niexfa, xaħam u melħ; ilu jsir għal għexieren ta' snin skont il-proċess imsemmi fit-taqsima 3.5. Il-ħalib jiġi miż-żona tal-Bohemja tan-Nofsinhar.

5.3. *Rabta kawżali bejn iż-żona ġeografika u l-kwalità jew il-karatteristiċi tal-prodott (għal DPO) jew ta' kwalità speċifika, ir-reputazzjoni jew karatteristiċi oħrajn tal-prodott (għal IĠP):*

Il-ġobon blu “Jihočeská Zlatá Niva” ilu jiġi prodott fl-impjant Český Krumlov bl-istess metodu mill-1951. Diversi referenzi fil-gazzetti jagħtu prova tal-istorja tal-produzzjoni tal-ġobon Niva. Il-ġobon jieħu l-isem tal-marġ u l-mergħat ta' Šumava li huma s-sors tal-ingredjent prinċipali, jiġifieri l-ħalib tal-baqar. Il-flora lokali unika għandha effett pożittiv fuq it-togħma tal-ħalib u għalhekk fuq il-prodott finali wkoll.

Il-ġobon blu “Jihočeská Zlatá Niva” huwa apprezzat ħafna fis-suq Ċek, kemm mill-pubbliku ġenerali, kif ukoll mill-ispeċjalisti fl-industrija tal-ħalib. Għal ħafna snin “Jihočeská Zlatá Niva” ġie ġġudikat minn bord ta' esperti waqt wirjiet nazzjonali bħala wieħed mill-aqwa ġobnijiet tal-kategorija tal-ġobon blu. “Jihočeská Zlatá Niva” jingħata rata għolja simili mill-pubbliku inġenerali.

Referenza għall-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni:

(L-Artikolu 5(7) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006)

<http://isdv.upv.cz/portal/pls/portal/portlets.ops.det?popk=209&plang=cs>

ATTI OĦRAJN

Il-Kummissjoni Ewropea

2012/C 377/10

Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni għal emenda skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel 19



PREZZ TAL-ABBONAMENT 2012 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 1 200 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 1 310 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 840 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva)	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 100 fis-sena
Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa	multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 200 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C — Kompetizzjonijiet	Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni	EUR 50 fis-sena

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli fi 22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jstipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S — Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jaġħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu>) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: <http://europa.eu>

